IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.6.2021
COM(2021) 316 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, kif meħtieġ skont l-Artikolu 118 għall-perjodu 2015-2019

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, kif meħtieġ skont l-Artikolu 118 għall-perjodu 2015-2019

1. Introduzzjoni u sfond

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009[1] ("ir-Regolament ta' Kontroll") jipprevedi sistema tal-UE għall-kontroll tas-sajd biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd[2] (PKS). Flimkien mar-regolament dwar is-sajd illegali, mhux regolat u mhux irrapportat (IUU)[3] u mar-Regolament dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-flotta esterna[4], ir-Regolament ta' Kontroll jistabbilixxi regoli u miżuri għall-kontroll, għall-ispezzjoni, u għall-infurzar ibbażati fuq approċċ globali u integrat.

Il-partijiet ikkonċernati involuti fil-governanza u fl-implimentazzjoni tas-sistema għall-kontroll tas-sajd jinkludu l-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA)[5] u operaturi kummerċjali. Ir-Regolament ta' Kontroll japplika għall-katina kollha tal-attivitajiet tas-sajd mix-xibka sal-platt.

Dan id-dokument iwieġeb għall-obbligu legali tal-Kummissjoni li tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tar-Regolament ta' Kontroll fl-Istati Membri kull 5 snin (l-Artikolu 118(2)).

Fl-2017, il-Kummissjoni adottat l-ewwel rapport dwar l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tar-Regolament ta' Kontroll li jkopri l-ewwel 5 snin (2010-2014) mid-dħul fis-seħħ tiegħu[6]. L-evalwazzjoni wriet li r-Regolament ta' Kontroll huwa essenzjali biex jintlaħqu l-objettivi tal-PKS u biex jiġu infurzati l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni. Il-prinċipji u d-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Kontroll jindirizzaw kwistjonijiet li fil-passat wasslu għal sajd eċċessiv estensiv u għal konformità batuta mar-regoli tas-sajd. L-analiżi fl-ewwel rapport uriet ukoll li l-Istati Membri kienu implimentaw id-dispożizzjonijiet ewlenin tar-Regolament ta' Kontroll iżda minħabba l-kumplessità tar-regoli u ż-żmien meħtieġ għall-adattament, f'xi każijiet l-implimentazzjoni ta' xi whud mid-dispożizzjonijiet kienet rat dewmien. Ir-rapport ikkonkluda wkoll li, għalkemm ir-Regolament ta' Kontroll għen biex jittejbu kemm is-sistema għall-kontroll tas-sajd kif ukoll il-konformità mar-regoli tal-PKS, dan ma kienx kompletament xieraq għall-iskop tiegħu (ara t-Taqsima 3.1). Biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati, fl-2018 il-Kummissjoni adottat proposta biex tirrevedi s-sistema tal-

---

1 ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1–50

2 ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22–61

3 ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1–32

4 ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81-104

5 https://www.efca.europa.eu.

6 COM(2017)192 final

UE għall-kontroll tas-sajd[7]. Din il-proposta bħalissa qed tiġi nnegozjata mal-Kunsill u mal-Parlament Ewropew.

Dan it-tieni rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ewlenin tar-Regolament ta' Kontroll għall-perjodu 2015-2019.

L-informazzjoni ppreżentata f'dan id-dokument tiddependi: (i) mid-*data* rapportata mill-Istati Membri skont l-Artikolu 118 tar-Regolament ta' Kontroll[8]; (ii) mill-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni derivati mill-awditi, mill-verifiki u mill-ispezzjonijiet imwettqa skont it-Titolu X tar-Regolament ta' Kontroll; (iii) mill-informazzjoni mis-segwitu ta' dawn l-awditi, verifiki u spezzjonijiet; (iv) mid-diskussjonijiet li saru bħala parti mill-gruppi ta' esperti dwar il-kontroll tas-sajd u dwar il-konformità; u (v) minn attivitajiet oħra ddedikati (eż. workshops, laqgħat).

2. Implimentazzjoni tar-Regolament ta' Kontroll mill-Istati Membri

L-Istati Membri huma responsabbli biex jiżguraw l-implimentazzjoni korretta tas-sistema għall-kontroll tas-sajd. Fl-2015-2019, l-Istati Membri komplew itejbu l-implimentazzjoni tar-Regolament ta' Kontroll. Sar titjib f'oqsma fejn ġew identifikati nuqqasijiet fil-perjodu ta' rapportar preċedenti, b'mod partikolari: (i) is-sistemi tas-sanzjonar u tal-punti; (ii) il-monitoraġġ ta' bastimenti żgħar; (iii) ir-rapportar ta' *data* dwar il-qbid minn bastimenti żgħar; u (iv) l-iskambju tad-*data*. Għalkemm dan it-titjib huwa milqugħ tajjeb, id-diġitalizzazzjoni tad-*data* dwar is-sajd għadha ma hijiex kompluta, u jeħtieġ li jsiru aktar sforzi f'dan il-qasam. Bl-istess mod, għalkemm kien hemm titjib fis-sistemi tas-sanzjonar tal-Istati Membri (inkluż bl-istabbiliment ta' sistemi ta' punti), jeħtieġ li jsir aktar biex jiġu żgurati l-applikazzjoni u l-infurzar effettivi u ugwali ta' dawn il-miżuri. Aktar dettalji dwar dawn il-punti huma pprovduti fit-taqsimiet ta' hawn taħt.

2.1. Il-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-ilmijiet u għar-riżorsi u l-kontroll tal-ġestjoni tal-flotta

Sabiex jiġi żgurat li l-attivitajiet tas-sajd isiru f'konformità mar-regoli tal-PKS, dawn l-attivitajiet jirrikjedu **liċenzja tas-sajd** u, meta japplikaw kundizzjonijiet speċifiċi, **awtorizzazzjoni tas-sajd**. Fl-2015-2019, l-għadd totali ta' liċenzji tas-sajd validi rrapportati mill-Istati Membri naqas bi ftit, minn kważi 96 000 liċenzja tas-sajd valida fl-2015 għal madwar 91 000 fl-2019. Matul dan il-perjodu, l-Istati Membri rrapportaw li aktar minn 1 500 liċenzja tas-sajd ġew sospiżi b'mod temporanju u aktar minn 1 100 liċenzja tas-sajd ġew irtirati b'mod permanenti. L-għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd żdied minn 30 500 fl-2015 għal aktar minn 38 500 fl-2019, u 154 ġew sospiżi b'mod temporanju u 187 ġew irtirati b'mod permanenti.

---

[7] COM(2018)368 final

[8] Sommarju estensiv u dettaljat tad-*data* rapportata mill-Istati Membri huwa pprovdut fir-Rapport ta' Sinteżi tad-*data* rapportata mill-Istati Membri skont l-Artikolu 118 tar-Regolament ta' Kontroll, disponibbli fuq Circabc (europa.eu) flimkien mar-rapporti oriġinali sottomessi

Sabiex jiġi żgurat kontroll effettiv, l-Istati Membri jridu joperaw **sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS),** u bastimenti tas-sajd b'tul totali (LOA) ta' 12-il metru jew aktar iridu jkunu mgħammra b'apparat li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jillokalizzawhom u jidentifikawhom b'mod awtomatiku. Madankollu, xi bastimenti jistgħu jkunu eżentati minn dan ir-rekwiżit jekk: (i) ikollhom LOA ta' bejn 12-il metru u 15-il metru u jkunu joperaw esklużivament fl-ibħra territorjali tal-Istat Membru tal-bandiera; jew (ii) jekk qatt ma jqattgħu aktar minn 24 siegħa fuq il-baħar mill-ħin tat-tluq sal-ħin tar-ritorn fil-port. L-analiżi tad-*data* rrapportata mill-Istati Membri tissuġġerixxi li għalkemm din id-deroga għadha tiġi applikata b'mod wiesa', il-kopertura tal-VMS għall-bastimenti b'LOA ta' bejn 12-il metru u 15-il metru żdiedet minn madwar 35 % fl-2015 għal 40 % fl-2019.

Il-**kontroll tal-qawwa tal-magna** huwa element ewlieni tas-sistema tal-UE għall-kontroll tas-sajd. Il-qawwa tal-magna u t-tunnellaġġ gross tal-bastimenti tas-sajd huma ż-żewġ indikaturi tal-kapaċità regolati permezz tal-iskema tad-dħul/ħruġ[9]. Huma wkoll iż-żewġ indikaturi tal-kapaċità li għalihom il-PKS tistabbilixxi limiti. Għal dawn ir-raġunijiet, il-ġestjoni tal-kapaċità tal-flotta, inkluża l-iskema tad-dħul/ħruġ għar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-UE[10], tiddependi minn reġistrazzjoni preċiża u affidabbli ta' dawn iż-żewġ parametri. L-akkuratezza tad-dikjarazzjonijiet tal-qawwa tal-magna mill-Istati Membri hija kruċjali biex jiġi żgurat li l-limiti tal-kapaċità tal-flotot tagħhom ma jinqabżux u għalhekk il-kapaċità tal-flotta tal-UE tibqa' konsistenti ma' sforz tas-sajd li jevita s-sajd eċċessiv tal-istokkijiet. Fl-2019, il-Kummissjoni ppubblikat studju dwar il-verifika tal-qawwa tal-magna fi 15-il Stat Membru[11]. L-istudju żvela li n-nuqqas ta' konformità huwa mifrux madwar l-Istati Membri, iż-żoni u t-tipi ta' bastimenti kollha inklużi fl-istudju. Is-sejbiet iqajmu mistoqsijiet dwar il-konformità ġenerali tal-Istati Membri mal-limiti massimi tal-kapaċità tas-sajd u mal-iskema tad-dħul/ħruġ. L-istudju kkonferma wkoll li d-dispożizzjonijiet attwali dwar il-kontroll tal-qawwa tal-magna ma humiex kompletament adegwati għall-użu tagħhom. Barra minn hekk, l-ittestjar fiżiku tal-qawwa tal-magna huwa għali u kkumplikat, kemm għall-awtoritajiet kif ukoll għall-operaturi. Dan l-ittestjar fiżiku ta' spiss ma jkunx effettiv, minħabba li l-output tal-magna jista' jiġi alterat b'mod diskret matul jew wara l-ittestjar. Għalhekk, jidher xieraq li ssir bidla għal sistema ta' "monitoraġġ kontinwu tal-magni" tal-inqas għal ċerti segmenti tal-flotta. Il-bidla għal sistema bħal din kienet diġà ġiet proposta mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha għal sistema riveduta ta' kontroll tas-sajd.

Biex timmonitorja aħjar id-*data* dwar il-flotta u l-kapaċità tal-flotta fil-livell tal-UE, il-Kummissjoni aġġornat ir-reġistru tal-flotta tal-UE[12][13]. Ir-reġistru jinkludi bażi tad-*data* li hija parzjalment disponibbli għall-pubbliku.

---

9 ĠU L 169, 30.6.2017, p. 1–7

10 ĠU L 34, 9.2.2017, p. 9–177

11 https://publications.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/a867cbac-8e90-11e9-9369-01aa75ed71a1/language-en/format-PDF/source-99423821.

12 Għall-pubbliku ġenerali, minn Ġunju tal-2018 beda jittella' regolarment fajl tal-excel b'*data* mill-applikazzjoni fuq Europa. L-applikazzjoni fuq il-web li tidher illum ġiet ippubblikata f'Diċembru 2019.

13 https://webgate.ec.europa.eu/fleet-europa/index_en.

2.2. L-għodod għar-rapportar tal-qbid, tal-użin u tat-traċċabilità

Sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ effettiv, il-bastimenti tas-sajd tal-UE b'LOA ta' 10 metri jew aktar huma obbligati jżommu **ġurnal ta' abbord dwar is-sajd**. Għall-bastimenti b'LOA ta' 12-il metru jew aktar dan irid ikun f'forma elettronika (ġurnal ta' abbord elettroniku), għalkemm eżenzjoni tista' tippermetti lil ċerti **bastimenti b'LOA ta' bejn 12-il metru u 15-il metru** jużaw ġurnal ta' abbord fuq il-karta[14]. Id-*data* turi xejra ġenerali ta' tnaqqis fl-użu tal-ġurnal ta' abbord fuq il-karta, għalkemm l-użu tiegħu għadu mifrux. L-għadd ta' bastimenti b'LOA ta' aktar minn 12-il metru li kellhom ġurnal ta' abbord elettroniku żdied minn 4 800 fl-2014 għal kważi 8 700 fl-2019. Din iż-żieda seħħet bis-saħħa taż-żieda fil-kopertura tal-ġurnali ta' abbord elettroniċi f'bastimenti ta' bejn 12-il metru u 15-il metru, fejn il-kopertura tal-ġurnal ta' abbord elettroniku żdiedet minn 30 % għal 40 %. Barra minn hekk, il-perċentwal ta' bastimenti b'LOA ta' bejn 10 metri u 12-il metru li użaw il-ġurnali ta' abbord elettroniċi żdied minn madwar 2 % fl-2014 għal 11 % fl-2019.

Il-monitoraġġ tal-qabdiet għall-**bastimenti b'LOA ta' inqas minn 10 metri** jrid jitwettaq bil-pjanijiet għall-kampjunar, bil-ġurnali ta' abbord fuq il-karta, jew bin-noti tal-bejgħ. Il-proporzjon ta' bastimenti soġġetti għal kull wieħed minn dawn il-metodi ta' monitoraġġ kien pjuttost stabbli matul il-perjodu ta' rapportar, bi ftit punti perċentwali ta' varjazzjoni tul is-snin. Il-pjanijiet għall-kampjunar kienu l-aktar tip ta' metodu ta' monitoraġġ użat ta' spiss. Minbarra dawn il-forom ta' kontroll, xi Stati Membri introduċew ġurnali ta' abbord elettroniċi, u filwaqt li l-għadd irrapportat ta' bastimenti bħal dawn huwa pjuttost żgħir, dawn żdiedu minn madwar 100 fl-2015 għal 450 fl-2019.

Minħabba li r-rapportar bil-miktub jitqies bħala mhux effettiv u li jiġġenera piż amministrattiv estensiv[15], il-proposta tal-Kummissjoni għal sistema riveduta tal-UE għall-kontroll tas-sajd għandha l-għan li tiddiġitalizza r-rapportar b'mod sħiħ fis-segmenti kollha tal-flotot, f'konformità mal-istrateġija diġitali tal-UE[16]. Il-miżuri proposti f'dan il-qasam fil-livell tal-UE huma f'konformità mat-teknoloġiji disponibbli. Il-miżuri proposti għandhom ukoll l-għan li jevitaw distorsjonijiet għal kundizzjonijiet ekwi li jistgħu jinħolqu jekk l-Istati Membri jadottaw dawn it-teknoloġiji ġodda b'mod unilaterali. F'dan il-kuntest, f'Diċembru 2018, il-Kummissjoni organizzat workshop dwar **għodod diġitali għas-sajd fuq skala żgħira**[17]. Il-workshop kopra: (i) għodod diġitali għall-monitoraġġ tal-bastimenti; (ii) għodod diġitali għar-rapportar tal-qbid; u (iii) sessjoni ffukata fuq il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) bħala mekkaniżmu ta' finanzjament. Il-workshop ipprovda opportunità għall-kondiviżjoni ta': (i) l-għarfien; (ii) l-aħjar prattiki; u (iii) xejriet u żviluppi dwar soluzzjonijiet diġitali għall-monitoraġġ u għall-kontroll tas-sajd fuq skala żgħira. B'mod ġenerali, il-parteċipanti fil-workshop kienu favur l-innovazzjoni teknoloġika,

[14] L-Istati Membri jistgħu jeżentaw bastimenti b'LOA ta' bejn 12-il metru u 15-il metru li: (a) joperaw esklużivament fl-ibħra territorjali tal-Istat Membru tal-bandiera; jew (b) qatt ma jqattgħu aktar minn 24 siegħa fuq il-baħar mill-ħin tat-tluq sar-ritorn fil-port.

[15] SWD(2018)280 final

[16] Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa (europa.eu).

[17] https://ec.europa.eu/oceans-and-fisheries/news/workshop-digital-tools-small-scale-fisheries-brussels-4-5-december-2018-2018-11-30_en

għalkemm qajmu riżervi dwar il-kostijiet u l-ekonomiji ta' skala biex proporzjon akbar tal-flotta tal-UE tiġi mgħammra b'għodod diġitali. Fir-rigward ta' din il-kwistjoni, il-proposta tal-Kummissjoni għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) 2021-2027[18][19], tappoġġa x-xiri u l-installazzjoni ta' tagħmir għal sistemi ta' rintraċċar u rapportar elettroniku obbligatorji tal-bastimenti f'bastimenti tas-sajd kostali fuq skala żgħira b'rata ta' intensità tal-għajnuna ta' 100 %[20].

Għad hemm tħassib dwar it-**traċċabilità**, għalkemm sar progress f'dan il-qasam u l-Istati Membri fittxew soluzzjonijiet differenti biex jiżguraw it-traċċabilità tal-prodotti tas-sajd. Hemm diskrepanzi fil-katina tal-informazzjoni minħabba l-użu kontinwu kemm tal-informazzjoni fuq il-karta kif ukoll dik elettronika kif ukoll in-nuqqas ta' standards armonizzati tad-*data*. Dawn id-diskrepanzi għadhom ma ġewx solvuti. L-implimentazzjoni tar-regoli eżistenti dwar it-traċċabilità skont ir-Regolament ta' Kontroll uriet li hija sfida għal ħafna Stati Membri. Dan seħħ minħabba: (i) in-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn awtoritajiet differenti inkarigati mill-kontrolli fil-katina tal-provvista; (ii) l-interpretazzjonijiet differenti tal-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet dwar it-traċċabilità; u (iii) konfużjoni rigward id-dispożizzjonijiet dwar it-traċċabilità tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel[21]. Dawn is-sejbiet jikkonfermaw l-eżitu tal-evalwazzjoni preċedenti tar-Regolament ta' Kontroll, li attribwit in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tiegħu għan-nuqqas ta' ċarezza fil-qafas leġiżlattiv attwali. Dawn is-sejbiet huma wkoll konferma ulterjuri tar-rilevanza tal-proposta tal-Kummissjoni għar-reviżjoni tas-sistema tal-kontroll tas-sajd. Biex tgħin fl-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet, f'Ottubru 2019, il-Kummissjoni organizzat **workshop dwar it-traċċabilità tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura**[22]. Il-workshop kopra: (i) il-bidliet proposti għar-rekwiżiti tat-traċċabilità fir-reviżjoni li għaddejja tar-Regolament ta' Kontroll; u (ii) preżentazzjonijiet ta' sistemi u teknoloġiji differenti li bħalissa qed jiġu implimentati mill-Istati Membri u mill-industrija fil-qasam tat-traċċabilità tal-prodotti tas-sajd. Il-punti ewlenin ta' diskussjoni li tqajmu fil-workshop inkludew l-importanza tal-interoperabbiltà bejn is-sistemi u kif tiġi żgurata implimentazzjoni effiċjenti għall-benefiċċju ta' dawk kollha kkonċernati, jiġifieri l-awtoritajiet, l-operaturi u l-konsumaturi finali.

Il-ġestjoni tal-kwoti hija waħda mill-pilastri ewlenin tal-ġestjoni tas-sajd skont il-PKS. L-użin preċiż, ir-reġistrazzjoni u t-traċċabilità tal-prodotti tas-sajd huma essenzjali: (i) għal skopijiet ta' kontroll; (ii) għall-monitoraġġ tal-użu tal-kwota; u (iii) biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-attivitajiet tas-sajd. L-awditi u l-verifiki tal-Kummissjoni, li saru fi Stati Membri magħżula[23], enfasizzaw nuqqasijiet sinifikanti **fl-użin, fir-reġistrazzjoni u fit-traċċabilità**

---

18 COM(2018)390 final

19 https://ec.europa.eu/oceans-and-fisheries/news/commissioner-sinkevicius-welcomes-provisional-political-agreement-european-maritime-fisheries_en

20 Is-sajd kostali fuq skala żgħira jsir b'bastimenti tas-sajd b'LOA ta' inqas minn 12-il metru u li ma jużawx irkaptu rmunkat.

21 ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1–24

22 https://ec.europa.eu/oceans-and-fisheries/news/traceability-fisheries-products-know-what-you-buy-2019-10-10_en

23 Id-Danimarka, l-Irlanda, il-Belġju u n-Netherlands.

tal-qabdiet. Dawn in-nuqqasijiet: (i) imminaw il-kundizzjonijiet ekwi fl-applikazzjoni tar-regoli bejn l-Istati Membri; (ii) iffaċilitaw is-sajd eċċessiv; u (iii) irriżultaw fin-nuqqas ta' rapportar tal-qabdiet. It-tliet problemi kollha jpoġġu f'periklu l-objettivi tal-PKS. Il-Kummissjoni ħadet azzjoni biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati (ara t-Taqsima 3.3) u se tkompli tevalwa l-applikazzjoni mill-Istati Membri tar-regoli dwar l-użin, ir-reġistrazzjoni u t-traċċabbiltà tal-qbid.

2.3. Programmi speċifiċi ta' kontroll u ta' spezzjoni (SCIPs)

Il-**programmi speċifiċi ta' kontroll u ta' spezzjoni** (SCIPs) adottati mill-Kummissjoni għal ħames baċiri tal-baħar[24] tal-UE ġew implimentati mill-Istati Membri fil-livell nazzjonali u reġjonali. L-EFCA żgurat il-koordinazzjoni operazzjonali tal-attivitajiet ta' spezzjoni fil-livell reġjonali permezz tal-pjanijiet ta' eżerċizzju konġunt (JDPs). L-għadd totali ta' spezzjonijiet imwettqa bħala parti mill-JDPs kważi rdoppja mill-2015 sal-2019, b'aktar minn 32 000 spezzjoni mwettqa fl-2019. Il-perċentwal ta' infrazzjonijiet suspettati[25] kemm għal spezzjonijiet ibbażati fuq il-baħar kif ukoll għal spezzjonijiet ibbażati fuq l-art irdoppja wkoll fl-istess perjodu, b'medji tul is-snin u l-baċiri tal-baħar li jvarjaw minn 2 % sa aktar minn 24 %[26]. Il-maġġoranza l-kbira tal-infrazzjonijiet identifikati matul l-ispezzjonijiet fuq il-baħar u fuq l-art tal-JDP kienu relatati ma' rapportar ħażin tal-qabdiet u ma' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar il-miżuri tekniċi[27]. Fl-2019, l-infrazzjonijiet suspettati relatati mar-reġistrazzjoni ħażina kienu jammontaw għal aktar minn 40 % tal-għadd totali ta' infrazzjonijiet suspettati identifikati fil-Baħar l-Iswed u fil-Baħar tat-Tramuntana. L-infrazzjonijiet tar-reġistrazzjoni ħażina laħqu kważi 60 % tal-infrazzjonijiet suspettati fil-Baħar Baltiku, u żdiedu għal 75 % fil-JDPs għall-"ilmijiet tal-Punent" tal-Atlantiku tal-Grigal. Fil-JDP tal-Mediterran, l-infrazzjonijiet suspettati relatati man-nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar il-miżuri tekniċi kienu jammontaw għal 30 % tal-infrazzjonijiet kollha, filwaqt li r-reġistrar ħażin kien jammonta għal 25 %, u l-45 % l-oħra tal-infrazzjonijiet suspettati identifikati kienu relatati man-nuqqas ta' konformità mar-regoli ta' ġestjoni jew mat-traċċabilità.

F'dawn l-aħħar snin, l-intelligence fil-kontroll tas-sajd ibbenefikat mill-użu ta' **teknoloġiji ġodda**, bħat-teknoloġiji tal-osservazzjoni tad-dinja. Fl-2019, l-EFCA użat it-**telerilevament bis-satellita** għall-identifikazzjoni tal-bastimenti, għall-identifikazzjoni tal-miri, u għal kompiti speċifiċi oħra ta' monitoraġġ.

2.4. Kontroll tal-obbligu tal-iżbark

L-**obbligu tal-iżbark**, li daħal fis-seħħ bis-sħiħ f'Jannar 2019, huwa wieħed mill-partijiet ewlenin tal-PKS riformata. Minn mindu beda jiġi introdott b'mod gradwali f'Jannar 2015, l-

[24] Il-Lvant tal-Atlantiku u l-Baħar Mediterran; il-Baħar l-Iswed; il-Baħar Baltiku; il-Baħar tat-Tramuntana u d-diviżjoni IIa tal-ICES; l-Ilmijiet tal-Punent tal-Grigal tal-Atlantiku.

[25] It-terminu "infrazzjonijiet suspettati" jirreferi għal infrazzjonijiet identifikati minn spettur u rrapportati fir-rapport tal-ispezzjoni, qabel ma tittieħed deċiżjoni mill-awtorità kompetenti jew minn imħallef.

[26] https://www.efca.europa.eu/sites/default/files/EFCA%20Annual%20Report%20for%20year%202019.pdf.

[27] ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105–201

Istati Membri ftit li xejn għamlu progress fil-kontroll u l-infurzar tal-applikazzjoni tiegħu. Il-Kummissjoni wettqet għadd ta' awditi biex tevalwa l-miżuri adottati mill-Istati Membri biex: (i) jiżguraw il-kontroll u l-infurzar tal-obbligu tal-iżbark; u (ii) jiżguraw id-dokumentazzjoni preċiża tal-qabdiet kollha. Is-sejbiet ta' dawn l-awditi (flimkien ma' rapporti oħra bħal: (i) rapporti ta' evalwazzjoni tal-konformità mħejjija mill-EFCA b'kooperazzjoni mal-gruppi ta' esperti tal-kontroll reġjonali[28]; (ii) rapporti mill-Istati Membri; u (iii) rapporti minn organizzazzjonijiet mhux governattivi ambjentali kollha juru livell baxx ta' konformità mal-obbligu tal-iżbark. Is-sejbiet jindikaw ukoll li hemm rimi estensiv, illegali u mhux dokumentat tal-qabdiet f'diversi bażiri tal-baħar. Is-suċċess tal-obbligu tal-iżbark jiddependi, fost affarijiet oħra, mill-introduzzjoni mill-Istati Membri ta' miżuri xierqa biex jiżguraw il-kontroll u l-infurzar tal-attivitajiet tas-sajd fuq il-baħar. Miżuri bħal dawn jippromwovu l-konformità u jinċentivaw lill-industrija tas-sajd biex l-ewwel nett tevita qabdiet mhux mixtieqa – objettiv tal-PKS. Il-monitoraġġ elettroniku mill-bogħod (REM), li jinkorpora t-televiżjoni b'ċirkwit magħluq u s-sensuri, intwera bħala l-aktar mezz kosteffettiv għall-Istati Membri biex jiżguraw il-kontroll u l-infurzar tal-attivitajiet tas-sajd fuq il-baħar. Għal din ir-raġuni, il-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi riveduta s-sistema tal-kontroll tas-sajd tal-UE tipprovdi bażi ġuridika għall-użu obbligatorju, ibbażat fuq ir-riskju tal-REM, bħala l-aktar mezz effettiv u kosteffiċjenti biex jiġi kkontrollat l-obbligu tal-iżbark fuq il-baħar. Fl-2019, l-EFCA żviluppat, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, linji gwida tekniċi u speċifikazzjonijiet minimi għall-REM[29].

2.5. L-ispezzjonijiet u l-infurzar

L-għadd ta' **persuni awtorizzati mill-Istati Membri biex iwettqu spezzjonijiet tas-sajd** żdied minn madwar 12 750 fl-2015 għal kważi 14 400 fl-2019, bi spetturi li jvarjaw minn madwar 4 għal 5 000 ekwivalenti full-time għal kull Stat Membru. Meta wieħed iqabbel il-proporzjon ta' spetturi tas-sajd full-time u part-time, madwar 1 minn kull 3 spetturi għandu l-kontroll tas-sajd bħala l-kompitu ewlieni tiegħu. Huwa diffiċli li tiġi vvalutata kwalunkwe żieda reali fl-għadd tal-persunal iddedikat għall-kontroll tas-sajd minħabba li s-setgħat tal-ispetturi jvarjaw bejn l-Istati Membri[30]. Madankollu, xi Stati Membri enfasizzaw li huma sofrew minn spettorati b'nuqqas ta' persunal, li jistgħu jikkompromettu l-effettività tas-sistemi ta' kontroll tagħhom.

L-Istati Membri rrapportaw total ta' madwar 450 000 **spezzjoni** fl-2015-2019. Meta wieħed iqabbel il-proporzjon ta' spezzjonijiet fl-erba' postijiet prinċipali, 48 % twettqu fil-port/matul l-iżbark, 26 % fis-suq, 22 % fuq il-baħar, u 4 % matul it-trasport.

L-Istati Membri rrapportaw 1 147 bastiment tal-għassa użati għall-ispezzjoni tas-sajd fl-2015, li żdiedu għal 1 256 fl-2019, b'total ta' kważi 100 000 jum ta' għassa fuq il-baħar matul il-perjodu ta' rapportar 2015-2019, meta mqabbla mal-56 000 jum ta' għassa fuq il-baħar

[28] https://www.efca.europa.eu/en/content/compliance-evaluation.

[29] https://www.efca.europa.eu/en/content/technical-guidelines-and-specifications-implementation-remote-electronic-monitoring-rem-eu.

[30] Varjetà ta' aġenti nazzjonali jistgħu jitqiesu bħala spetturi, li jvarjaw minn spetturi tas-sajd speċjalizzati għall-pulizija u l-aġenti li jaħdmu bħala uffiċjali doganali.

irrapportati għall-2010-2014. Barra minn hekk, l-Istati Membri rrapportaw ukoll żieda fl-inġenji tal-ajru ta' sorveljanza ddedikati għall-kontroll u għas-sorveljanza tas-sajd, li żdiedu minn 72 fl-2015 għal 76 fl-2019, b'total ta' kważi 30 000 siegħa ta' sorveljanza mwettqa fl-2015-2019. Kien hemm ukoll żieda fl-użu ta' teknoloġiji ġodda għas-sorveljanza tas-sajd. Fl-2015, 2 Stati Membri rrapportaw l-użu tad-droni, b'total ta' 8 droni użati, filwaqt li fl-2019, 7 Stati Membri użaw id-droni, filwaqt li b'kollox tħaddmu 39 apparat.

Fl-2015-2019, l-Istati Membri b'kollox identifikaw aktar minn 65 000 **infrazzjoni suspettata,** b'ċifra annwali li varjat bejn 12 000 u 14 000. L-għadd ta' **infrazzjonijiet serji** wera xejra ġenerali 'l fuq, li żdiedet minn madwar 3 000 fl-2015 għal 3 500 fl-2019. Bħala medja, madwar waħda minn kull 10 spezzjonijiet identifikat infrazzjonijiet.

L-aktar infrazzjonijiet suspettati b'mod komuni huma l-infrazzjonijiet tat-traċċabilità (28 %), segwiti minn infrazzjonijiet tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd u tad-dikjarazzjoni tal-iżbark (22 %), u infrazzjonijiet tar-regoli ta' kontroll li jinsabu fil-pjanijiet pluriennali[31] (20 %). Għall-każijiet tal-inqas infrazzjonijiet suspettati ta' spiss, l-Istati Membri ma rrapportaw l-ebda infrazzjoni – jew kważi l-ebda infrazzjoni – ta': (i) il-monitoraġġ tal-arranġamenti tal-prezzijiet u ta' intervenzjoni; (ii) l-organizzazzjoni komuni tas-swieq; jew (iii) l-użin wara t-trasport.

Fl-2019, il-Kummissjoni nediet studju dwar is-**sistemi tas-sanzjonar** tal-Istati Membri[32]. L-objettiv kien li tiġi pprovduta analiżi u valutazzjoni fil-fond tal-funzjonament tas-sistemi nazzjonali tas-sanzjonar, u b'mod partikolari dwar is-sanzjonijiet applikati mill-Istati Membri għal infrazzjonijiet bejn l-2015 u l-2019. Ir-riżultati tal-istudju jindikaw li l-qafas legali meħtieġ fl-Istati Membri huwa fil-biċċa l-kbira tiegħu komplut u li ħafna Stati Membri tejbu l-qafas legali tagħhom fl-aħħar 5 snin. Fl-aħħar tal-2019, l-Istati Membri kollha minbarra wieħed kellhom stabbilita sistema ta' punti għad-detenturi tal-liċenzji u għall-kaptani tal-bastimenti tas-sajd. Madankollu, f'xi Stati Membri, l-implimentazzjoni tas-**sistema tal-punti** rat dewmien jew għadha ma hijiex operattiva. Barra minn hekk, hemm differenzi sinifikanti bejn il-pajjiżi fit-tul tal-proċedimenti għall-proċess tas-sanzjonar u fil-livell tas-sanzjonijiet imposti. Dawn is-sejbiet juru li għalkemm is-sitwazzjoni ttejbet fl-2015-2019 meta mqabbla mal-2010-2014, jenħtieġ li jsir aktar biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi. Dawn juru wkoll li jenħtieġ li jsir aktar biex jiġu żgurati l-effikaċja, id-dissważività u l-proporzjonalità tas-sanzjonijiet applikati f'kull Stat Membru. Fost l-objettivi primarji tagħha, ir-reviżjoni tas-sistema għall-kontroll tas-sajd proposta mill-Kummissjoni fl-2018 għandha l-għan li tneħħi l-ostakli regolatorji attwali li jxekklu t-trattament ugwali tal-operaturi u l-kompetizzjoni ġusta madwar l-UE.

2.6. Data u informazzjoni

L-Istati Membri qed jirrapportaw regolarment ***data* dwar il-qbid u l-isforz** lill-Kummissjoni. Dan jippermetti l-monitoraġġ tal-qabdiet totali permissibbli u l-konsum tal-kwota. L-iżgurar

[31] https://ec.europa.eu/oceans-and-fisheries/fisheries/rules/multiannual-plans_en

[32] Study on the sanctioning systems of Member States for infringements to the rules of the Common Fisheries Policy, https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/dfb452c8-c4df-11eb-a925-01aa75ed71a1

tal-kwalità tad-*data* huwa element ewlieni tal-ħidma tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni biex itejbu l-monitoraġġ tal-kwoti, bil-kwalità tad-*data* żgurata permezz ta' validazzjoni xierqa tad-*data* u kontroverifiki. Fir-rigward tal-obbligu li tiġi stabbilita **sistema** awtomatizzata **ta' kontroverifika u ta' validazzjoni tad-*data***, 22 Stat Membru minn 23 jirrapportaw li stabbilew sistema bħal din, iżda 12 biss minn dawn it-22 diġà awtomizzaw is-sistemi tagħhom. 6 Stati Membri addizzjonali qed jippjanaw li jimplimentaw l-awtomatizzazzjoni sal-2021. Aktar dewmien fl-awtomatizzazzjoni għadu osservat f'4 Stati Membri. Ftit Stati Membri jirrapportaw l-implimentazzjoni ta' kontroverifiki awtomatizzati bħala kisba ewlenija fl-2015-2019.

Biex ittejjeb l-effikaċja u l-effiċjenza tal-iskambju tad-*data*, fl-2016, il-Kummissjoni stabbiliet skeda ta' żmien vinkolanti għall-Istati Membri biex jintroduċu l-istandard **FLUX** (lingwa tas-sajd għall-iskambju universali) **għall-ġestjoni tad-*data* dwar is-sajd**[33]. Bl-istandard FLUX, l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u l-pajjiżi madwar id-dinja jistgħu għall-ewwel darba jużaw kodiċi universali uniku biex jawtomatizzaw il-ġbir u t-tixrid tad-*data* tagħhom dwar il-qbid tas-sajd. L-istandard huwa armonizzat ukoll mal-istandards użati għat-taxxi u għat-traċċabilità tal-ikel. Matul l-aħħar 5 snin, il-livell ta' progress fl-implimentazzjoni ta' FLUX varja fost l-Istati Membri u bejn oqsma differenti. Is-Saff tat-Trasport (FLUX TL) tas-sistema ta' skambju FLUX issa huwa operattiv fil-Kummissjoni u fi 22 Stat Membru mit-23 ikkonċernati. L-iskambji kollha tad-*data* dwar is-sajd isiru permezz ta' pjattaforma ċentrali ta' skambju tad-*data* ospitata mid-DĠ MARE, u din il-pjattaforma tista' tintuża biex jintbagħtu *data* u kontenut ivvalidati f'formati standard lill-Kummissjoni. L-iskambji tad-*data* f'dawn il-formati jew jinsabu stabbiliti jew qed jagħmlu progress sew fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għall-kategoriji tad-*data* li ġejjin: l-attività tas-sajd, in-noti tal-bejgħ, il-pożizzjoni tal-bastiment, id-*data* tal-flotta u d-*data* tal-qbid aggregata.

3. Implimentazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni kellha rwol ewlieni fl-għajnuna lill-Istati Membri biex jimplimentaw ir-Regolament ta' Kontroll u fil-monitoraġġ tal-konformità tagħhom mar-Regolament. B'mod partikolari, il-Kummissjoni: (i) ippermettiet l-iskambju tad-*data* dwar is-sajd bl-iżvilupp tal-infrastruttura tal-IT meħtieġa; (ii) wettqet għadd kbir ta' awditi u verifiki u segwiet dawn il-awditi u l-verifiki; (iii) għenet lill-Istati Membri fl-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni; u (iv) organizzat ħafna gruppi ta' esperti dwar il-kontroll tas-sajd. Dawn l-attivitajiet kollha, flimkien mal-koordinazzjoni operazzjonali offruta mill-EFCA, għenu sostanzjalment biex tittejjeb l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Kontroll matul il-perjodu ta' rapportar.

3.1. L-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni u l-politika

Fl-2017, il-Kummissjoni adottat ir-rapport dwar l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tar-Regolament dwar il-Kontroll[34]. F'konformità mal-Artikolu 118(3), ir-rapport ivvaluta l-

[33] http://www.unece.org/uncefact/unflux.

[34] COM(2017)192 final

implimentazzjoni tar-Regolament u l-impatti tiegħu fuq il-PKS 5 snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu. Bħala parti mill-programm tal-2015 dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni (REFIT)[35], ir-rapport ivvaluta wkoll jekk ir-Regolament dwar il-Kontroll kienx għadu adegwat għall-użu tiegħu, u b'hekk iffoka fuq is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż regolatorju. Ir-riżultati wrew li, għalkemm ir-Regolament dwar il-Kontroll għen biex tittejjeb is-sistema ta' kontroll tas-sajd u biex tiżdied il-konformità mar-regoli tal-PKS, dan ma kienx kompletament adegwat għall-użu tiegħu. Ir-rapport enfasizza għadd ta' sfidi ewlenin li l-UE u l-Istati Membri tagħha kellhom bżonn jindirizzaw biex jiżguraw: (i) sajd sostenibbli; (ii) kundizzjonijiet ekwivalenti fost l-operaturi; u (iii) sinerġiji aħjar ma' politiki oħra b'mod partikolari dwar l-ambjent u s-swieq. Rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri[36], Riżoluzzjoni mill-Parlament Ewropew[37], u opinjoni tal-pjattaforma REFIT[38] urew ukoll li s-sistema tal-UE għall-kontroll tas-sajd għandha n-nuqqasijiet tagħha u ġeneralment ma hijiex adattata għall-iskop tagħha.

Il-Qorti tal-Awdituri b'mod partikolari qajmet tħassib dwar il-kwistjonijiet li ġejjin: (i) l-akkuratezza tar-reġistri tal-flotta tal-Istati Membri (dwar il-qawwa tal-magna u t-tunnellaġġ gross); (ii) id-dipendenza għolja minn sistemi ta' rapportar tal-qbid mhux affidabbli bbażati fuq il-karta; (iii) in-nuqqas ta' monitoraġġ effettiv tal-flotta fuq skala żgħira; (iv) il-ħtieġa li tiġi stabbilita pjattaforma ta' skambju tad-*data* biex tiffaċilita l-kondiviżjoni tad-*data* dwar is-sajd bejn l-Istati Membri; (v) in-nuqqas ta' protokolli standardizzati għall-ispezzjoni tas-sajd; u (vi) il-ħtieġa li tiġi implimentata sistema għall-iskambju tad-*data* dwar l-infrazzjonijiet u s-sanzjonijiet bejn l-Istati Membri.

F'Ġunju 2017, il-Kummissjoni nediet inizjattiva politika biex tirrevedi s-sistema tal-UE għall-kontroll tas-sajd. Bħala parti minn din l-inizjattiva, f'Ottubru 2017 il-Kummissjoni ppubblikat valutazzjoni tal-impatt tal-bidu, segwita minn konsultazzjonijiet immirati mal-partijiet ikkonċernati f'Novembru u Diċembru 2017. Dan wassal biex f'Mejju 2018, il-Kummissjoni adottat **proposta biex tiġi riveduta s-sistema tal-UE għall-kontroll tas-sajd**[39]. Il-proposta għandha l-għan li: (i) issaħħaħ id-dispożizzjonijiet ta' infurzar; (ii) tiżgura kwalità aħjar u kondiviżjoni aħjar tad-*data* u l-informazzjoni dwar is-sajd, b'mod partikolari għas-sajd fuq skala żgħira u rikreattiv; (iii) telimina d-diskrepanzi mal-PKS fil-kontroll tal-obbligu tal-iżbark; (iv) tnaqqas il-piż amministrattiv; u (v) ittejjeb is-sinerġiji ma' politiki oħra. L-analiżi attwali tal-implimentazzjoni tar-Regolament ta' Kontroll għall-perjodu 2015-2019 turi li dawn il-kwistjonijiet kollha għadhom rilevanti. Il-proposta bħalissa għaddejja mill-proċedura leġiżlattiva ordinarja u qed tiġi eżaminata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. L-objettivi tar-reviżjoni huma f'konformità sħiħa mal-Patt Ekoloġiku Ewropew[40], bl-

[35] Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT): is-sitwazzjoni Attwali u l-Perspettivi "Tabella ta' valutazzjoni REFIT", SWD(2015)110 final

[36] Rapport speċjali "Il-kontrolli tas-sajd tal-UE: jenħtieġu sforzi addizzjonali" https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=41459.

[37] https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-8-2016-0407_MT.html.

[38] https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/xiv3acontrol_of_eu_fisheries.pdf.

[39] COM(2018)368 final

[40] https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/european-green-deal_mt.

użu tal-benefiċċji tat-trasformazzjoni diġitali bħala appoġġ għat-trasformazzjoni ekoloġika. Din hija wkoll parti mill-istrateġija tal-Kummissjoni "mill-għalqa sal-platt"[41], dment li s-sistema riveduta għall-kontroll tas-sajd se tiġġieled kontra l-frodi tal-ikel u tgħin fis-sostenibbiltà tal-ikel permezz ta' sistema mtejba ta' traċċabilità.

L-evalwazzjoni REFIT enfasizzat l-importanza tal-SCIPs. L-SCIPs huma kkunsidrati mill-partijiet ikkonċernati kollha bħala indispensabbli għal spezzjonijiet effettivi u għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni fost l-Istati Membri fl-ilmijiet tal-UE u internazzjonali. Fl-2017, b'kollaborazzjoni mal-EFCA u mal-Istati Membri, il-Kummissjoni bdiet taħdem għal approċċ ġdid li jkun jista': (i) jissimplifika l-SCIPs eżistenti[42]; (ii) jestendi l-kopertura ġeografika u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, f'konformità mal-PKS riformata; u (iii) inaqqas il-piż amministrattiv. Dan wassal biex fl-2018, il-Kummissjoni adottat SCIPs ġodda[43], li jkopru l-baċiri tal-baħar kollha tal-UE u s-sajd kollu kopert mill-miżuri tal-UE għall-konservazzjoni tas-sajd u għall-ġestjoni tas-sajd f'dawk il-baċiri tal-baħar. Dan tejjeb ukoll il-JDPs bħala pjattaforma għall-koordinazzjoni. Tfasslet ukoll metodoloġija armonizzata għall-valutazzjoni tar-riskju biex tipprevedi: (i) approċċ koerenti għall-programmi ta' kontroll u spezzjoni fi ħdan baċir tal-baħar; u (ii) kundizzjonijiet ekwi għas-sajd ta' Stati Membri differenti. L-EFCA fasslet il-metodoloġija armonizzata[44] b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, u hija bbażata fuq it-theddid possibbli ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS.

3.2. Data u informazzjoni

Il-Kummissjoni ilha mill-2015 tiddedika riżorsi u sforzi konsiderevoli biex tiżviluppa l-infrastruttura tal-IT meħtieġa biex tippermetti lill-Istati Membri jiskambjaw id-*data* dwar is-sajd fil-format tal-UN/FLUX. F'konformità mar-rakkomandazzjoni[45] tal-Qorti tal-Awdituri biex jittejbu l-kompletezza u l-affidabbiltà tad-*data* dwar is-sajd, fl-2015-2019 il-Kummissjoni ffukat fuq l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-Saff tat-Trasport (FLUX TL) ta' FLUX[46]. Dan il-proġett wera li kien ta' sfida, minħabba li l-verżjonijiet bikrija ta' FLUX TL ma kinux kapaċi jittrattaw il-volum dejjem akbar ta' *data* skambjata. Ma' kull verżjoni ġdida, is-software FLUX TL tejjeb aktar il-kapaċitajiet tiegħu. L-aktar aġġornamenti reċenti jissodisfaw il-ħtiġijiet meħtieġa u joffru aktar vantaġġi tekniċi bħal paġna ta' monitoraġġ. Il-Kummissjoni kellha wkoll rwol deċiżiv fil-proposta ta' dokumenti ta' implimentazzjoni li fihom ir-regoli dettaljati għall-iskambji tad-*data*. Dawn id-dokumenti huma miftiehma mal-Istati Membri permezz tal-ERS u l-grupp ta' esperti tal-Ġestjoni tad-*Data*.

---

41 https://ec.europa.eu/food/farm2fork_mt.

42 ĠU L 350, 20.12.2012, p. 99–108; ĠU L 170, 22.6.2013, p. 66–75 , ĠU L 175, 27.6.2013, p. 61–70 ĠU L 85, 21.3.2014, p. 15–26 ;

43 ĠU L 317, 14.12.2018, p. 29–46

44 https://www.efca.europa.eu/sites/default/files/Risk%20Assessment%20Methodology.pdf.

45 Rakkomandazzjoni 3 tar-rapport speċjali Nru 08/2017 "Il-kontrolli tas-sajd tal-UE: jenħtieġu sforzi addizzjonali" https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=41459.

46 FLUX TL huwa s-software li jintuża għall-iskambju tad-*data* dwar is-sajd bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u l-EFCA.

Il-Kummissjoni żviluppat ukoll formati standardizzati għall-iskambju tad-*data* dwar l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd u r-rapporti tal-ispezzjoni. Is-sistema LICENSE għall-iskambju ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd bejn l-Istati Membri, partijiet terzi u l-Kummissjoni bdiet topera f'Diċembru 2020. Huwa mistenni li s-sistema LICENSE tiġi estiża biex tippermetti l-iskambju ta' rapporti ta' spezzjoni sa nofs l-2021.

Fuq talba tal-Parlament Ewropew, f'Novembru 2019 il-Kummissjoni nediet proġett pilota biex tiżviluppa u tittestja "skema ta' kontroll għall-qabdiet rikreattivi tal-ispnott"[47]. Kuntrattur estern żviluppa għodda integrata tal-IT biex is-sajjieda rikreattivi jkunu jistgħu jinfurmaw malajr lill-awtoritajiet nazzjonali dwar il-qabdiet ta' kuljum tagħhom billi jirreġistraw dawk il-qabdiet. Ġiet żviluppata pjattaforma bbażata fuq il-web biex tirċievi dik id-*data* dwar il-qbid (ReFishing.eu), li se tkompli tiġi estiża minħabba r-riżultati pożittivi tal-proġett pilota. Ir-riżultati ġew ippreżentati fil-webinar "Monitoraġġ u kontroll tas-sajd rikreattiv" f'Diċembru 2020[48].

3.3. L-attivitajiet ta' verifika u infurzar mill-Kummissjoni

L-Istati Membri jridu jiżguraw li jkollhom stabbiliti sistemi effettivi għall-kontroll tas-sajd. Il-Kummissjoni hija responsabbli għas-sorveljanza u għall-infurzar tal-applikazzjoni korretta tar-Regolament ta' Kontroll u r-regoli tal-PKS mill-Istati Membri. Biex jivverifikaw l-effettività tas-sistemi ta' kontroll tagħhom u l-konformità mar-regoli tal-PKS mill-Istati Membri, l-uffiċjali tal-Kummissjoni jwettqu verifiki, spezzjonijiet u awditi awtonomi. Matul il-perjodu 2015-2019, twettqu madwar 150 żjara fuq il-post mid-DĠ MARE fl-Istati Membri, li ħafna minnhom kienu **awditi**. Saret enfasi partikolari fuq: (i) il-funzjonament xieraq tal-proċeduri ta' reġistrazzjoni tal-qabdiet; (ii) il-proċeduri tal-użin; (iii) il-miżuri stabbiliti biex jikkontrollaw l-obbligu tal-iżbark; (iv) il-monitoraġġ u l-kontroll tal-flotta esterna; u (v) il-verifika tal-qawwa tal-magna.

Twettqu wkoll **missjonijiet ta' verifika u awditi** biex tiġi vverifikata l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kontroll għal sajd speċifiku fejn ħarġu fid-deher il-kwistjonijiet u kienet meħtieġa azzjoni urġenti, bħal dik għat-tonn fil-Baħar Mediterran, il-merluzz u s-salamun fil-Baltiku, u s-sajd intensiv perjodiku fil-Baħar tat-Tramuntana. Twettqu kontrolli biex jiġi investigat allegat ksur tal-liġi tal-UE dwar is-sajd notifikat permezz ta' lmenti. Barra minn hekk, saru sforzi biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-implimentazzjoni xierqa tad-dispożizzjonijiet tas-sanzjonar u s-sistemi tal-punti.

Bejn l-2019 u l-2020 il-Kummissjoni talbet lil żewġ Stati Membri biex iniedu **investigazzjonijiet amministrattivi**. L-ewwel investigazzjoni kellha tinvestiga d-dgħufijiet misjuba fil-miżuri tal-użin u tal-kontroll għas-sajd pelaġiku u għas-sajd rikreattiv għat-tonn[49].

---

47 https://op.europa.eu/fr/publication-detail/-/publication/01f3d94d-4019-11eb-b27b-01aa75ed71a1/language-en/format-PDF/source-180378385.

48 https://ec.europa.eu/oceans-and-fisheries/news/webinar-recreational-fisheries-monitoring-and-control-2020-12-04_en

49 L-Irlanda.

It-tieni investigazzjoni kellha tinvestiga n-nuqqasijiet fis-sistema ta' kontroll għat-trobbija tat-tonn[50].

F'ħafna każijiet, is-sejbiet mill-awditi u mill-missjonijiet ta' verifika ġew indirizzati b'suċċess mill-Istati Membri bħala parti minn djalogi bilaterali informali (magħrufa wkoll bħala **fajls tal-UE pilot**). Bejn l-2015 u l-2018, il-Kummissjoni fetħet 7 fajls tal-EU Pilot għal 6 Stati Membri, li minnhom 1 għadu għaddej. Dawk il-fajls pilot kienu jikkonċernaw: (i) l-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni; (ii) l-implimentazzjoni tas-sistema tal-punti f'żewġ Stati Membri; (iii) il-kontroll tal-flotta li topera fl-NEAFC; (iv) rapportar tal-qbid; u (v) il-kontroll tal-qawwa tal-magna f'żewġ Stati Membri. Fl-2019, il-Kummissjoni nediet 24 fajl tal-EU Pilot li jkopru total ta' 17-il Stat Membru. Minn dawn, 8 kienu relatati mal-kontroll tal-flotta esterna tal-Istati Membri, 15 mal-kontroll tal-qawwa tal-magna, u 1 mas-sistema tas-sanzjonijiet u l-punti. Barra minn hekk, fl-2020, il-Kummissjoni nediet 3 fajls oħra tal-EU Pilot li jkopru 3 Stati Membri, li 2 minnhom kienu relatati mat-tqegħid fil-gaġeġ tat-tonn u 1 mal-kontroll tal-flotta esterna.

Jekk il-Kummissjoni tidentifika nuqqasijiet fis-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri li jirrikjedu aktar sforz u żmien biex l-Istati Membri jindirizzawhom, il-Kummissjoni tfassal **pjanijiet ta' azzjoni** għal dawk l-Istati Membri. Fil-perjodu 2015-2019, il-Kummissjoni fasslet 9 pjanijiet ta' azzjoni ġodda[51], filwaqt li fl-istess perjodu 6 mit-8 pjanijiet ta' azzjoni li tnedew qabel l-2015 ingħalqu[52]. Fi tmiem l-2019, 11-il Stat Membru kienu taħt pjan ta' azzjoni[53], u fl-2020 infetħu 4 pjanijiet ta' azzjoni ġodda[54]. Il-15-il pjan ta' azzjoni li għaddejjin bħalissa jindirizzaw: (i) in-nuqqasijiet identifikati fis-sistema ta' reġistrazzjoni tal-qabdiet; (ii) is-sistemi tas-sanzjonar; (iii) il-proċess tal-immaniġġjar tar-riskju; (iv) is-sistemi kompjuterizzati ta' validazzjoni tad-*data*/kontroverifika awtomatizzata; u (v) ir-rekwiżiti tat-traċċabilità.

Fl-aħħar nett, fl-2015-2019, il-Kummissjoni fetħet tliet **proċeduri ta' infrazzjonijiet** kontra l-Istati Membri. Dawn il-proċeduri kienu relatati ma': (i) il-kontroll tal-flotta fl-ilmijiet tan-NAFO[55]; (ii) l-implimentazzjoni tas-sistema tal-punti[56]; u (iii) l-konformità mal-klawżola ta' esklużività u l-kontroll tal-flotta tas-sajd fl-Afrika tal-Punent[57]. Tnejn minn dawn il-proċeduri ngħalqu fl-2019 u fl-2020[58], filwaqt li waħda għadha għaddejja[59]. Infrazzjoni waħda li tnediet fl-2014 dwar il-konformità mas-sistema tar-reġistrazzjoni tal-qabdiet u tal-użin għadha

[50] Il-Kroazja.

[51] Il-Belġju, il-Kroazja, Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, il-Greċja, l-Italja, Malta, in-Netherlands.

[52] Il-Bulgarija, l-Italja, il-Latvja, Malta, ir-Rumanija, Spanja.

[53] Il-Belġju, il-Kroazja, Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Greċja, l-Italja, Malta, in-Netherlands, il-Portugall.

[54] Il-Bulgarija, ir-Rumanija, is-Slovenja, l-Iżvezja.

[55] Il-Portugall.

[56] L-Irlanda.

[57] L-Italja.

[58] L-Italja u l-Portugall.

[59] L-Irlanda.

miftuħa[60]. Fl-2020, il-Kummissjoni nediet 3 proċeduri addizzjonali ta' infrazzjoni: waħda dwar il-kontroll tal-farms għas-sajd tat-tonn[61], u 2 dwar is-sistema tar-reġistrazzjoni tal-qabdiet u tal-użin[62].

Waħda mill-proċeduri ta' infrazzjoni wasslet għal sospensjoni *ex-ante* tal-fondi ta' kontroll tal-FEMS, filwaqt li l-missjonijiet ta' verifika dwar is-sajd għas-salamun fil-Baltiku wasslu għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni ta' rkupru[63] għal Stat Membru wieħed.

4. Il-kontroll u l-implimentazzjoni tas-sajd tal-PKS u l-FEMS

Ir-Regolament dwar il-Kontroll huwa wieħed mill-pilastri ewlenin fl-implimentazzjoni tal-PKS minħabba li jistabbilixxi r-regoli għar-rapportar tal-qabdiet. Dawn ir-regoli huma essenzjali għall-verifika tal-konformità mal-limiti tal-qbid adottati kull sena. Matul il-perjodu 2015-2019, il-Kummissjoni ssimplifikat il-proċess legali għat-tħaddim tat-trasferimenti tal-kwoti. Minbarra t-titjib fir-riżorsi ddedikati mill-Istati Membri għar-rapportar, dan il-proċess legali ssimplifikat fisser li s-sistema tat-trasferiment tal-kwoti saret aktar trasparenti u effiċjenti. Madankollu, hemm bżonn ta' aktar xogħol biex jittejjeb ir-rapportar dwar it-trasferimenti u t-tnaqqis fil-kuntest tal-ftehimiet internazzjonali, peress li dan ir-rapportar xi kultant ibati minn inkonsistenzi.

L-implimentazzjoni ta' sistema tal-UE għall-kontroll tas-sajd hija appoġġata permezz tal-FEMS[64]. Fl-ambitu tal-FEMS, l-Istati Membri allokaw b'mod kollettiv EUR 567,9 miljun għal operazzjonijiet ta' kontroll u infurzar fil-perjodu 2014-2019. Sal-aħħar tal-2019, l-Istati Membri kienu impenjaw EUR 375,8 miljun biex jintefqu[65], li jammonta għal 66,2 % tal-baġit totali ppjanat tal-FEMS għal dawn il-miżuri. Fost il-ħafna tipi ta' investiment, l-ewwel tlieta kienu: (i) ix-xiri, l-installazzjoni u l-iżvilupp tat-teknoloġija; (ii) l-immodernizzar u x-xiri ta' bastimenti, inġenji tal-ajru u ħelikopters ta' sorveljanza; u (iii) kostijiet operattivi. Dawn it-tliet tipi ta' investiment flimkien attiraw 70 % tal-impenji totali. Ta ' min jinnota li, għalkemm il-prijorità tal-UE li jaqa' taħtha l-kontroll (Prijorità 3 tal-Unjoni, "It-trawwim tal-implimentazzjoni tal-PKS") għandha l-ogħla rata ta' assorbiment tal-fondi kollha tas-sajd, ir-rata ta' assorbiment ta' 46,8 % għadha baxxa f'termini assoluti, u l-Kummissjoni tittama li jkun hemm implimentazzjoni aħjar kemm tal-FEMS attwali kif ukoll tal-FEMSA l-ġdid għall-perjodu 2021-2027. F'dan il-kuntest, ġew ipprovduti linji gwida għall-ipprogrammar tal-FEMSA[66], u ġew allokati nefqiet potenzjali tal-baġit għat-"titjib tal-infurzar u l-kontroll

60 Id-Danimarka.

61 Malta.

62 Il-Belġju u n-Netherlands.

63 ĠU L 56, 27.2.2020, p. 1–3

64 ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1-66

65 https://ec.europa.eu/oceans-and-fisheries/news/eu-funding-fisheries-aquaculture-and-processing-sectors-how-have-member-states-used-it-2020-12_en

66 SWD(2020) 206 final - Anness

tas-sajd u l-forniment tad-*data*", inkluż l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' teknoloġija effettiva u innovattiva għall-monitoraġġ tas-sajd[67].

5. Il-koordinazzjoni mal-Istati Membri, mal-EFCA u ma' sħab terzi f'fora internazzjonali

L-applikazzjoni effettiva u effiċjenti tas-sistema għall-kontroll tas-sajd tirrikjedi interazzjoni u kollaborazzjoni kostanti bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-EFCA. Din tirrikjedi wkoll il-kooperazzjoni fil-livell internazzjonali ma' pajjiżi li ma humiex fl-UE u ma' organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd.

Il-Kummissjoni tiddiskuti regolarment l-implimentazzjoni tar-Regolament ta' Kontroll mal-Istati Membri u mal-EFCA fil-**Grupp ta' Esperti dwar il-Kontroll tas-Sajd**. Il-kwistjonijiet ta' infurzar huma diskussi fil-**Grupp ta' Esperti dwar il-Konformità**, filwaqt li l-iżviluppi u l-implimentazzjoni tal-IT huma diskussi fil-**Grupp ta' Esperti tal-ERS u tal-Ġestjoni tad-*Data***.

Fil-livell tal-UE, **il-Kummissjoni u l-EFCA** jikkollaboraw mill-qrib biex jiżguraw l-implimentazzjoni korretta tas-sistema għall-kontroll tas-sajd, filwaqt li jiskambjaw l-informazzjoni u d-*data* kif ukoll jipparteċipaw f'diversi laqgħat għall-kontroll tas-sajd. Il-Kummissjoni b'mod partikolari tinvolvi ruħha: (i) fl-attivitajiet organizzati mill-gruppi ta' esperti ta' kontroll reġjonali u mill-EFCA biex jimplimentaw il-JDP; u (ii) fil-grupp ta' ħidma dwar ir-rapporti elettroniċi ta' spezzjoni u sorveljanza.

Bħala mexxejja globali fil-governanza tal-oċeani u attur li jiġġieled b'mod dirett kontra s-sajd IUU, l-UE hija attiva fil-promozzjoni ta' governanza aħjar tal-oċeani, inklużi miżuri ta' kontroll. F'konformità mal-aġenda internazzjonali tal-governanza tal-oċeani[68], il-**Kummissjoni taħdem mill-qrib ma' sħab minn madwar id-dinja**, bħall-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd[69] u l-organizzazzjonijiet internazzjonali.[70] Il-Kummissjoni taħdem ukoll b'mod bilaterali ma' pajjiżi li ma humiex fl-UE li involvew ruħhom mal-UE fi ftehimiet tas-sajd[71] u ma' pajjiżi li ma humiex fl-UE fl-ambitu ta' djalogi IUU[72] biex: (i) tiżgura l-konformità mas-sajd; (ii) tapplika l-aktar standards reċenti għall-

---

67 L-investimenti ssuġġeriti fl-infurzar u fil-kontroll jinkludu: (i) il-kontroll u l-monitoraġġ tal-obbligu tal-iżbark; (ii) il-kontroll tal-użin; (iii) is-sorveljanza marittima tal-ilma; (iv) it-traċċabilità u l-monitoraġġ u l-kontroll tal-flotta fuq skala żgħira; (v) u l-verifika tal-magna. Investimenti oħra ssuġġeriti jinkludu l-REM, inklużi: (i) CCTV; (ii) software għar-rikonoxximent awtomatiku; (iii) droni; (iv) immaġnijiet bis-satellita b'riżoluzzjoni għolja; (v) teknoloġija blockchain; (vi) ERS li tinżamm fl-idejn; u (vii) apparati u sistemi għall-monitoraġġ kontinwu tal-prestazzjoni tal-magna.

68 https://ec.europa.eu/oceans-and-fisheries/ocean/international-ocean-governance_en l-Azzjoni 7 tal-Aġenda titlob "Il-ġlieda kontra s-sajd illegali u t-tisħiħ b'mod globali tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-ikel mill-oċean". https://ec.europa.eu/oceans-and-fisheries/ocean/international-ocean-governance_en

69 https://ec.europa.eu/oceans-and-fisheries/fisheries/international-agreements/regional-fisheries-management-organisations-rfmos_en

70 https://ec.europa.eu/oceans-and-fisheries/fisheries/international-agreements_en

71 https://ec.europa.eu/oceans-and-fisheries/fisheries/international-agreements/sustainable-fisheries-partnership-agreements-sfpas_en

72 https://ec.europa.eu/oceans-and-fisheries/fisheries/rules/illegal-fishing_en

kontroll tas-sajd u għall-iskambju tad-*data*[73]; u (iii) tiżgura segwitu xieraq tal-każijiet ta' nuqqas ta' konformità.

6. Konklużjoni

Il-kontroll tas-sajd huwa essenzjali biex jintlaħqu l-objettivi tal-PKS kif ukoll biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fost l-operaturi. Matul il-perjodu 2015-2019, l-Istati Membri għamlu progress fl-implimentazzjoni tagħhom tar-Regolament ta' Kontroll. It-titjib kien jinkludi: (i) metodi ta' kontroll aktar modernizzati, inkluż użu akbar tal-VMS u tal-ERS għall-monitoraġġ, għall-kontroll u għar-rapportar tal-bastimenti tas-sajd; u (ii) il-kontroverifiki awtomatizzati tad-*data* dwar is-sajd. L-Istati Membri għamlu wkoll sforzi biex itejbu s-sistemi tas-sanzjonar tagħhom, għalkemm il-livell ta' implimentazzjoni ta' dawn is-sistemi tas-sanzjonar ma huwiex ugwali fl-Istati Membri kollha, u dan joħloq kundizzjonijiet mhux ekwi. Il-Kummissjoni u l-EFCA għenu lill-Istati Membri biex: (i) jiżviluppaw għodod ġodda tal-IT; (ii) jarmonizzaw il-metodoloġiji tagħhom għall-valutazzjoni tar-riskju; u (iii) jikkoordinaw fuq livell operattiv. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tal-FEMS ipprovdiet appoġġ finanzjarju għall-kontroll billi għenet fix-xiri, fl-installazzjoni u fl-iżvilupp ta' teknoloġiji u fil-modernizzazzjoni ta' metodi ta' kontroll fl-Istati Membri.

Minkejja titjib sinifikanti, għad hemm nuqqasijiet fl-applikazzjoni tar-Regolament ta' Kontroll. Dawn in-nuqqasijiet jistgħu jinstabu: (i) fid-dispożizzjonijiet dwar il-kontroll u l-verifika tal-qawwa tal-magna; (ii) fl-użin; (iii) fl-obbligi tal-iżbark; (iv) fil-kontroll tal-flotta esterna; u (v) fis-sanzjonijiet. Fis-snin li ġejjin, il-Kummissjoni se tiffoka fuq l-implimentazzjoni ulterjuri ta' dawn il-miżuri. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem ukoll fuq l-infurzar u fuq l-implimentazzjoni sħiħa tal-PKS u fuq il-kontroll u l-infurzar effettivi f'konformità mal-ittra tal-missjoni tal-President von der Leyen lill-Kummissarju Virginijus Sinkevičius[74]. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se: (i) tivverifika l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar it-traċċabilità, f'konformità mal-istrateġija "mill-għalqa sal-platt"; (ii) tivverifika l-kontroll tar-reġimi tal-isforz tas-sajd; u (iii) tippromwovi l-ittestjar u l-iżvilupp ta' teknoloġiji intelliġenti applikati għall-kontroll, f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Fl-aħħar nett, flimkien mal-EFCA, il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex: (i) tiżviluppa metodoloġiji għall-valutazzjoni tal-konformità mal-obbligu tal-iżbark; u (ii) tarmonizza l-metodoloġiji użati fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-kampjunar għall-użin. Fir-rigward tar-reviżjoni tas-sistema għall-kontroll tas-sajd, il-Kummissjoni se tkompli taħdem flimkien mal-Kunsill u mal-Parlament biex issaħħaħ, timmodernizza u tiċċara r-regoli attwali.

---

[73] Bis-saħħa tal-isforzi tal-UE, f'Novembru 2018, l-NEAFC adottat l-istandard FLUX għall-iskambji tad-*data*. Il-Kummissjoni bdiet ukoll negozjati dwar l-introduzzjoni tal-istandard tal-UN/FLUX f'diversi fora bilaterali, inkluż man-Norveġja u mal-Gżejjer Faroe.

[74] https://ec.europa.eu/commission/commissioners/sites/comm-cwt2019/files/commissioner_mission_letters/mission-letter-sinkevicius-2019-2024_en.pdf.